MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 43/2006

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Malta-Saudi Arabia Petrolube Company limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-14 ta' Frar tas-sena 2006 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef mitejn u sitta u sittin Lira Maltin, (LM4,266.00,0), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz

telefoniku bin-numru 21324569, dana dkond kif jidher mill-annessi dokumenti mmarkati Dok A u B;

2. Bl-ispejjez tal-prezenti, tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti mid-dati tal-prezentata ta' dan ir-rikors li minn issa huma ngunti ghs-subizzjoni;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta datata l-1 ta' Novembru tas-sena 2006 li permezz taghha l-istess socjeta' ammettiet it-talbiet attrici;

Ghaldaqstant din il-qorti takkolji t-talbiet attrici u:

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Malta-Saudi Arabia Petrolube Company Limited biex thallas lis-socjeta' attrici maltacom p.l.c. l-ammont ta' erbat elef u mitejn u sitta u sittin Lira Maltin, (LM4,266.00,0), ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21324569, u dan skond kif jidher mid-dokumenti mmarkati Dok. A u B;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------